MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Numru. 633/2013

**Artikoli 49, 50, 216 (1) (b) u (c) , 221 (1), 251 B (1), 339 (1) (d)**
**tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**JAMAL MESBAH BASHEER ALGAZALI**

Il-Qorti,

Rat l-imputat **JAMAL MESBAH BASHEER ALGAZALI** ta' 45 sena, iben Mesbah u Sashwai xebba Abuelsaam, imwieled Tripli l-Libja nhar is-17 ta' Lulju, 1967 u residenti gewwa 24, Naxxar Road, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita' b'numru 12773(A).

Gie akkuzat talli, nhar l-4 ta' Lulju, 2013, ghall-habta ta' bejn is-01:20am u s-01:30am, gewwa Flat 4, Sylvianna Crt, Triq ic-Cirasa, San Gwann u f'dawn il-Gzejjer;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Amal Mohamad Elshohomi f'periklu car, ikkaguna lill-istess Amal Mohamad Elshohomi hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi u dan bi ksur ta' artikoli 216 (1) (b) u 222 (1) (c), tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan bi ksur ta’ artikolu 251B (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Amal Mohamad Elshohomi u Rayan Algazali, sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' *probation* jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata hekk kif moghotija nhar il-15 ta' Novembru tal-2010, mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna, liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tikkunsidra lill-hati bhala recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u tal-Kap 9. tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Amal Mohamad Elshohomi u Rayan Algazali, ai termini tal-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok. LB1 a fol. 6 u 7, l-okkorrenza mmarkata bhala Dok. LB2 a fol. 8 u 9, stqarrija mmarkata bhala Dok. LB3 a fol. 10 u 11, certifikat mediku mmarkat bhala Dok. LB4 a fol. 12, okkorrenza mmarkata bhala Dok. LB5 a fol. 13 et sequitur u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 ta' Lulju, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. LB6 a fol. 17 tal-Process.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-atti a fol. 18 tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta peremzz ta’ digriet ta’ Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef datat 21 ta’ April, 2014.

Rat illi nhar l-1 ta’ Lulju, 2014 dehret Rayan Algazali li ddikjarat li ma tixtieqx tixhed f’dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputat odjern peress li huwa missierha u talbet ukoll sabiex tirtira x-xhieda li hija kienet tat quddiem din il-Qorti diversament preseduta u cioe’ nhar it-22 ta’ Lulju, 2013 (fol. 35 et seq) .

Rat id-digriet taghha tal-istess jum u cioe’ tal-1 ta’ Lulju, 2013 fejn din il-Qorti kient laqghet it-talba ta’ Rayan Algazali li ma tixhidx fil-konfront ta’ missierha l-imputat stante il-parentela.

Rat illi fit-28 ta' Lulju, 2014 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi xi tressaq in sostenn tal-akkuzi taghha.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014 deher l-imputat assisti minn l-avukat difensur tieghu li ddikajra li d-difiza ma kellhiex provi xi tressaq u talbet li tittratta il-kaz, liema trattazzjoni verbali saret dakinhar.

Rat illi l-partijiet ghalhekk talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

Ikkunsdirat:

Illi nhar it-22 ta' Lulju, 2013 xehdet bil-lingwa Ingliza **Rayan Algazali** pero dak inhar tal-1 ta' Lulju, 2014 l-istess xhud irtirat ix-xhieda taghha u dan ghaliex l-imputat huwa missierha u ma xtaqitx li tixhed fil konfront tieghu.

Illi nhar is-6 ta' Awwissu, 2013 dehret **Amal Mohamad Elshohomi** u spjegat li hija tigi mart l-imputat u ghaldaqstant hija iddikjarat li ma tixtieqx tixhed kontra l-imputat u din il-Qorti diversament preseduta kienet laqghet it-talba taghha u ezentatha milli tixhed.

Illi nhar is-6 ta' Awwissu, 2013 xehed **PS 1543 Oliver Cassar u** spjega li kellhom rapport mill-Mater Dei illi kienet iddahlet persuna suspettat ta' vjolenza domestika. Fil-fatt marru jinvestigaw u sabu l-mara ndikata fir-rapport illi kellha numru ta' griehi f'wicca u li kienet akkumpanjata mit-tifla li kienet minorenni. Minn hemm irrizulta li l-griehi kienu kkawzati minn vjolenza domestika principarjament b'xi tazzi u affarijiet fil-kcina illi twaddbu fid-direzzjoni taghha skond il-verzjoni taghha. Mistoqsi jekk hu kellimx lill-imputat spjega li le ghax fil-fatt huma dak il-lejl waqt il-hin tad-*duty* kienu ppruvaw jaghmlu tfittxija ghalih. Is-suspett f'dawk il-hinijiet kien illi jista' ikun li telaq minn Malta. Pruvaw isibu l-vettura tieghu u mbaghad gie sussegwentement arrestat filghodu.

Mistoqsi jekk huwa lill-vittma rahiex f'xi hin spjega li iva meta kien dahal ir-rapport kienu marru mill-ewwel il-Mater Dei, il-Casualty biex jikkonfermaw mal-persuna illi l-kaz kien kaz ta' vjolenza domestika. Mistoqsi jispjega lill-Qorti x'innutalha spjega li principarjament kellha ferita ma' imnehirha pero' f'dak il-hin kellha ammont ta' demm ma' wiccha pero' kien jidher car illi wahda mill-feriti principali kienet mal-imnieher. Huwa spjega li l-persuna li huma arrestaw kien jisismha Jamal u spjega li gharfu prezenti fl- Awla bhala l-imputat odjern. Gie muri l-okkorrenza a fol. tlettax (13) et sequitur tal-Process u spjega li dik hija l-okkorrenza tal-kaz illi hemm id-dettalji jigifieri tal-persuni koncernati. L-*incident report* huwa ffirmat mill-Ispettur, parti mir-

rapport huwa mdahhal minnu mbaghad ovvjament gie *updated* mix-*shift* ta' warajh u mbaghad maghluq mill-Ispettur. Mistoqsi x'jiftakar bhala data u hin ta' meta gara l-kaz huwa spjega li fil-bidu ta' Lulju, fil-fatt huwa l-4 ta' Lulju, 2013. L-ewwel rapport kien dahal matul il-lejl ghall-habta tal-hdax (23:00) imbaghad jigifieri l-kaz baqa' sejjer.

Gie muri ukoll fol. ghaxra (10) tal-Process u spjega li dak huwa l-istatement illi ghamel l-imputat meta gie nterrogat mill-Ispettur hawn prezenti u li ghalih huwa kien xhud. Huwa spjega li gharaf l-firma tieghu, il-firma tal-Ispettur u tal-imputat. Gie mistoqsi jekk jiftakarx jekk qabel irrilaxxa l-Istqarrija l-imputat giex mitkellem fuq xi affarijiet jew ghamilx xi affarijiet spjega li ma kienx il-kaz. Jghid li huwa jigi mwissi li ghandu dritt ghall-Avukat. Fil-fatt hu kien cempel lill-Avukat u kien kellmu bit-telefown. Mistoqs jekk dak l-istatement giex minnu rilaxxat b'mod volontarju kkonferma li hekk kien gie rilaxxjat u ffirmat minnu ukoll.

Illi nhar l-14 ta' Mejju, 2014 xehed l-**Ispettur Luke Bonello** u spjega li nhar l-erbgha (4) ta' Lulju, 2013 ghall-habta tas-siegha u nofs (13:30) il-Pulizija tal-Ghassa ta' San Giljan gew mitluba mill-Control Room sabiex jinvestigaw probabbli kaz ta' *domestic violence* gewwa Flat 4, 'Sylvianna Court', Triq ic-Cirasa, San Gwann. Il-Pulizija kienu marru fuq il-post fejn mill-investigazzjoni preliminari li kienu sabu, kienu sabu mara ta' nazzjonalita' Libjana certa Amal Mohamad Elshohomi li

kellha xi *injuries* f'wiccha u l-Pulizija kienu talbu ghall-ambulanza biex tohodha l-Isptar.

Minn aktar investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija rrizulta li dawk il-griehi li kellha s-Sinjura Amal kienu maghmula mir-ragel taghha li jismu Jamal Mesbah Basheer Algazali li qed jaghrfu prezenti bhala l-imputat u jghid li ghal tali agressjoni kien hemm it-tifla taghhom Rayan Algazali li ghandha hmistax (15)-il sena.

Is-Sinjura Elshohomi kienet giet iccertifikata li kienet sofriet griehi ta' natura gravi minn Dr. Rebecca Galea detentrici tar-registru mediku numru 3482.

Sussegwemtement huwa kif kien gie nfurmat b'dan l-incident u kien ordna li s-Sur Algazali jigi arrestat sussegwentement u wara li kien gie hekk arrestat ittiehdiltu stqarrija bil-miktub. Liema stqarrija tinsab esebita hawn fl-atti u mmarkata bhala dokument LB 3 a fol. 10 tal-Process. Gharraf fuq din l-istqarrija l-firma tieghu, tal-imputat kif ukoll ta' PS 1543 Oliver Cassar. Ikkonferma li qabel ittiehdet l-istqarrija l-imputat inghata s-solitu twissija. Spjega ukoll illi l-imputat nghata l-fakulta' ukoll biex jiehu parir legali. Huwa kien ikkonferma li ha dan il-parir u kien tkellem ma' Dr. Gianella Demarco. Sussegwentement is-Sur Algazali kien tressaq b'arrest quddiem il-Magistrat Stafrace Zammit b'arrest.

Ipprezenta sentenza moghtija mill-Magistrat Joseph Apap Bologna nhar il-hmistax (15) ta' Novembru, 2010 li giet immarkata bhala dokument LB 1.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-unici xhieda okulari tal-incident mertu tal-kawza huma mart u bint l-imputat. Mart l-imputat qatt ma xehdet f'dawn il-proceduri u dan ghaliex minkejja li l-feriti kienu jikkoncernaw lilha din il-Qorti diversament preseduta kienet laqghet it-talba taghha sabiex tigi ezentata milli taghti x-xhieda taghha stante li dik kienet ix-xewqa taghha.

L-**Artikolu 633 (2) tal-Kap. 9** jipprovdi s-segwenti:-

*"Madankollu, jitħalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti, li tieħu qies tal-grad ta' qrubija tax-xhud mid-demm, tal-mod li bih huwa juri li kieku ma jixtieqx jixhed kontra l-mara jew kontra r-raġel, kontra axxendent jew dixxendent, jew kontra ħuh, oħtu, iz-ziju, in-neputi, u ta' ċirkostanzi partikulari oħra tal-każ, biex ma ġġegħelx jixhed ix-xhud illi juri li jixtieq li ma jixhedx kontra persuna li tiġi minnu f'xi wieħed jew ieħor mill-gradi hawn fuq imsemmija".*

Illi ghalhekk jekk xhud jixhedx jew le f'cirkostanzi bhal dawn u cioe' parentela tithalla f'idejn il-Qorti. Issa una volta li din il-Qorti kienet laqghet it-talba ta' mart l-imputat li ma tixhedx f'din il-kawza minkejja l-feriti li allegatament sofriet din il-Qorti kif preseduta hasset li kellha taghmel l-istess fir-rigward ta' bint l-imputat li talbet li tirtira ix-xhieda li kienet tat fil-konfront ta' missierha.

Ghalhekk il-Prosekuzzoni f'din il-kawza ma ghandhiex xhieda okulari tal-incident izda biss resqet bhala xhieda l-ufficjali tal-Pulizija li nvestigaw il-kaz, li ma kinux prezenti ghall-incident u resqu lill-imputat a bazi tar-rapport li sar minnhom minn mart l-imputat, liema rapport l-istess mart l-imputat irtirat meta iddecidiet li ma tixhedx fil-konfront ta' zewgha.

Ghalhekk in vista ta dan kollu l-ewwel tlett (3) akkuzi ma jistghux irrizultaw provati.

Fir-rigward tar-raba' (4) akkuza stante li din il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati tal-ewwel tlett (3) akkuzi, ir-raba' (4) akkuza ma tistax tirrizulta provata indipendentement minn l-akkuzi l-ohra peress li hija marbuta maghhom. Konsegwentement din l-akkuza ma tirrizultax lanqas.

Din il-Qorti tiddikjara li lanqas l-akkuza ta’ recidiva ma tista’ tirrizulta f’dawn ic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-**Artikoli 49, 50, 216 (1)(b) u (c), 221 (1), 251 B (1), 339 (1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat JAMAL MESBAH BASHEER ALGAZALI hati tal-akkuzi u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------